

Brussell, 13 ta' Lulju 2018
(OR. en)

10569/18

Fajl Interistituzzjonali:
2017/0121(COD)

CODEC 1182
TRANS 289
SOC 450
EMPL 365
MI 502
COMPET 486
PE 90

NOTA TA' INFORMAZZJONI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal DIRETTIVA tal-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2006/22/KE fir-rigward ta' rekwiżiti tal-infurzar u li tistabbilixxi regoli speċifiċi rigward id-Direttiva 96/71/KE u d-Direttiva 2014/67/UE għall-istazzjonar tax-xufiera fis-settur tat-trasport bit-triq – Eżitu tal-proċedimenti tal-Parlament Ewropew (Strasburgu mit-2 sal-5 ta' Lulju 2018)

I. INTRODUZZJONI

Ir-relatur, is-Sinjura Merja KYLLÖNEN (GUE/NGL, FI), ippreżentat rapport li jikkonsisti f'104 emendi (1-emendi 1-104) għall-proposta għal Direttiva, fisem il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu.

Barra minn hekk, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali ressaq 37 emenda ta' kompromess (l-emendi 105-141). Il-gruppi politiċi ressq u l-emendi li ġejjin: Il-PPE ressaq erba' emendi (l-emendi 156-159), il-Ħodor/AHE seba' emendi (l-emendi 142-148), il-GUE/NGL erba' emendi (l-emendi 167-170), l-ENF erba' emendi (l-emendi 161-164). Tlettax-il emenda tressqu minn aktar minn 38 MPEs (l-emendi 149-155, 165-166, 171-174).

II. VOTAZZJONI

Meta vvutat fl-4 ta' Lulju, il-plenarja adottat l-emendi 1-69, 72-75, 78-96, 99-104, 113, 128, 139 u 150/1 għall-proposta għal Direttiva. Madankollu, l-abbozz ta' att legiſlattiv, kif emendat, ma' ġiex adottat¹.

Peress li l-abbozz ta' att legiſlattiv, kif emendat, naqas milli jikseb maġġoranza tal-voti, il-kwistjoni tressqet lura għand il-Kumitat għal rikonsiderazzjoni, skont ir-Regola 59(4)(4) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, b'hekk l-ewwel qari tal-Parlament baqa' miftuħ.

¹ 256 favur, 390 kontra, 9 astensjonijiet.